# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022

## Talba numru 63/2022SFJ

***NECTAR LIMITED (C13065)***
***VS.***
***SVEIN ZAMMIT (400891M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mis-soċjetà attriċi fit-3 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' erbat elef u tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,888.44) rappreżentanti l-prezz ta' prodotti tal-ikel mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut, kif ukoll rappreżentanti spejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fit-12 ta' April 2022 li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-kapitolu ppreżentat matul l-udjenza tat-12 ta' April 2022;

Sema' lil Carlos Abela jixhed, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2022.

**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Matul l-udjenza tat-12 ta' April 2022, Carlos Abela, direttur tas-soċjetà attriċi, ikkonferma taħt ġurament li l-ammont mitlub kien għadu dovut fl-intier tiegħu. Inoltre, huwa kkonferma d-dokument immarkat "A" anness mal-Avviż tat-Talba.

F'dik l-udjenza, u wara li xehed Carlos Abela, il-kawża tħalliet għas-sentenza. Dan ovvjament ifisser li s-soċjetà attriċi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta u jfisser ukoll li l-konvenut ma kellu ebda oġġezzjoni għal dan.

Imbagħad, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2022, ma deher ħadd. F'dik is-seduta, it-Tribunal ma setax jagħti sentenza għax kien sprovvist mit-traskrizzjonijiet. Għalhekk, il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2022.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhud, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' erbat elef u tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,888.44).

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż ta' xi ittra uffiċjali *siccome* ma ġiet ippreżentata ebda prova dwar xi ittra uffiċjali.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**